MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 78/2008

Kawza fil-lista: 43

**A B C D**
**vs**
**E F**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Illi l-kontendenti kienu zzewgu fir-Registru Pubbliku ta’ Malta nhar it-12 ta’ Dicembru 1992.

Illi l-istess zwieg kien null u bla effett stante illi l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Illi in oltre il-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

Illi ghalhekk iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ghandu jigi dikjarat null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddikjara li z-zwieg ta' bejn il-kontendenti huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan taht dawn il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez u bil-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi l-esponenti tikkonferma li zzewwget lir-rikorrenti fit-12 ta' Dicembru 1992 u minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda tfal;

2. Illi l-intimata tissottometti li z-zwieg inkiseb b' qerq dwar xi kwalita' tal-parti tar-rikorrenti li mix-xorta taghha fixklet serjament il-hajja mizzewga;

3. Illi hemm qbil li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tieghu;

4. Illi hemm qbil li l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

5. Illi hemm qbil li l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ghat-termini tal-artikolu 19(1)(d)u/jew (f) u/jew (h) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fit-12 ta’ Dicembru 1992 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha taghha l-konvenuta qed tattribixxi n-nullita’ taz-zwieg ghall-istess ragunijiet mressqa mill-attur, kif ukoll ghar-raguni ndikata fil-paragrafu [c] ta’ l-artikolu precitat.

**Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fit-12 ta’ Dicembru 1992, meta allura l-attur, cittadin libjan, kellu 26 sena u l-konvenuta, cittadina maltija, kellha 19-il sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa sitt xhur. Wara hajja konjugali ta’ circa sentejn, il-partijiet isseparaw, ghalkemm baqghu ghal xi zmien joqghodu fl-istess dar. Sussegwentement anke din il-konvivenza apparenti spiccat. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-konvenuta taghti s-segwenti verzjoni tal-fatti li ma gewx kontraddetti. Hija tghid li qabel iz-zwieg l-attur kien jahdem Malta, izda sussegwenti ghaz-zwieg huwa beda jahdem f’ Malta permanentement. Ghalkemm qabel iz-zwieg l-attur kien jesprimi mal-konvenuta li hu kien xtaq tfal fiz-zwieg, kien wara z-zwieg li, bil-komportament tieghu, il-konvenuta rrealizzat li ma kienx minnu li l-attur ried tfal. Inizjalment l-att taz-zwieg kien isir bil-prekawzzjoni kontra l-prokreazzjoni, izda meta, wara sentejn taz-zwieg, il-konvenuta bdiet tinsisti ma’ l-attur biex jirrprovaw ghat-tfal, eventwalment huwa kien qallha li ma kienx ried tfal, u ghalhekk l-att taz-zwieg dejjem sar bi prekawzzjoni. Konsegwenzjalment ir-relazzjoni konjugali bejn il-partijiet kompliet tiddeterjora, u pprecipitat fis-separazzjoni de facto bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi mill-kwadru premess il-Qorti tirravviza l-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] fuq citat, fil-konfront ta' l-attur li, ghalkemm esternament ghadda minn cerimonja ta' zwieg, izda nternament u b' att pozittiv tal volonta' tieghu huwa eskluda wiehed mill-obbligi essenzjali ghall-hajja konjugali, dak tal-prokreazzjoni u trobbija tat-tfal.

Ghaldaqstant it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt, u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 19[1][f] tal-Kap.precitat, fil-konfront ta' l-istess attur, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talba attrici fis-sens li tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-12 ta' Dicembru 1992. L-ispejjez ikunu kollha a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------